

# Ħamsin Sena mill-Ewwel Festa Titulari

*Ivan Bugeja*

Nixtieq nibda dan l-artiklu billi nawgura l-isbaħ xewqat lill-parroċċa li matul din is-sena qed tiċċelebra l-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. Ħamsin sena ta' xogħol bla waqfien, fejn matulhom rajna lill-parroċċa titwieled, tikber u anki timmatura. Rajna lill-parroċċa taħdem għall-ġid spiritwali tal-komunita` u anki tgħin lil min hu l-aktar fil-bżonn. Ta' kull sena rajna wkoll lill-parroċċa tiċċelebra l-festa titulari ad unur il-Patruna tagħha l-Immakulata Kunċizzjoni. F'dan l-artiklu se nkun qed nitkellem dwar l-ewwel festa li kienet saret eżattament ħamsin sena ilu, biss, qabel u fil-qasir ħafna se nirrakkonta ftit x'ġara qabel mal-parroċċa ċċelebrat din l-ewwel festa.

Kien nhar l-24 t'April tal-1957 meta dakinhar kienet inxtrat biċċa art kbira sabiex fuqha tinbena l-knisja l-ġdida bi skop li tieħu post l-Oratorju ta' Triq id-Duluri li issa kien sar żgħir wisq. Il-pjanti tagħha kienu saru minn Ġuże` Damato bil-Perit Karmenu Cumbo jiffirma d-dokumenti. Il-moħħ wara dan il-proġett kien ir-Rettur tal-Oratorju Dun Edgar Vella Anastasi. Il-proġett inbeda uffiċċjalment nhar it-23 ta' Marzu tal-1958 meta dakinhar kienet saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla. It-tberik tagħha kien sar mill-Isqof Emmanuel Galea.

Fil-bidu t'Awwissu tal-1963 il-bini tal-knisja kien lest u għalhekk nhar is-16 t'Awwissu waqt ċerimonja mill-isbaħ il-knisja kienet imbierka mill-Isqof Galea. Imbagħad tliet snin wara, eżattament nhar l-1 ta' Lulju tal-1966 il-knisja saret viċi-parroċċa b'digriet maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

L-akbar jum fl-istorja tal-parroċċa wasal nhar l-1 ta' Jannar tal-1968 meta dakinhar twaqqfet il-parroċċa taħt it-Titolu tal-"Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Marija" Id-digriet kien ġie ffirmat mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar it-28 ta' Diċembru tal-1967. Dan id-digriet daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tal-1968 biex b'hekk il-knisja tal-Kunċizzjoni saret parroċċa bit-territorju tagħha jiġi meħud il-biċċa l-kbira mill-parroċċa ta' San Gejtanu u partijiet iżgħar minn ta' San Ġużepp tal-Imsida. Imbagħad ftit aktar minn xahar wara, nhar il-11 ta' Frar Dun Ġużepp Mifsud Bonnici ħa l-pussess tiegħu bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida.

**L-EWWEL FESTA**

L-ewwel festa tal-parroċċa kienet iċċelebrata bejn it-28 ta' Novembru u t-8 ta' Diċembru tal-1968 u dan ħabat eżatt ħdax-il xahar wara li l-knisja saret parroċċa. Għal din l-ewwel festa kienet saret in-novena li bdiet fit-28 ta' Novembru b'quddiesa konċelebrata mill-Isqof Emmanuel Galea. Ta' kuljum matul in-novena kien jingħad ružarju bibbliku, issir Adorazzjoni Ewkaristika u wara kienet tiġi ċċelebrata quddiesa. Fost dawk li ħadu sehem kien hemm it-tfal, iż-żgħażagħ, il-familji, is-saċerdoti, il-morda u l-għaqdiet. Fl-okkażjoni tal-festa kienet ukoll inawgurata bradella ġdida li saret għall-istatwa titulari li kienet għadha kemm inġiebet minn

*ikompli f'paġna 49*









Spanja fl-10 ta' Frar.

Fl-aħħar tlett ijiem l-attivitajiet komplew kemm fil-knisja u kif ukoll fit-toroq. Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru, filgħodu kienet saret adorazzjoni u wara quddiesa. Filgħaxija mbagħad reġgħet fetħet l-adorazzjoni, saret ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla "Il-Ħajja tagħna Ewkaristika f'għaqda ma' Marija" u wara kienet iċċelebrata quddiesa minn Patri Vinċenz Portelli. Is-Sibt 7 ta' Diċembru filgħodu saret quddiesa għall-morda tal-parroċċa u filgħaxija translazzjoni solenni u wara l-għasar kantat. F'jum il-festa filgħodu saret quddiesa kantata solenni mill-kappillan ta' San Gejtanu Dun Mattew Chircop, bil-priedka ssir mill-kappillan tal-parroċċa, Dun Ġużepp Mifsud Bonnici. Il-quddiesa kienet animata mill-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia.

Għal din il-festa kienet saret mixgħela ġenerali tat-toroq kollha u f'xi wħud intramaw ukoll il-pavaljuni u l-liedna tal-karti mal-festuni tal-bozoz. Kienu saru wkoll numru t'attivitajiet fuq barra fosthom sfilata l-ġimgħa filgħaxija mill-*1st Hamrun Scout Group*. Imbagħad, l-għada s-Sibt filgħaxija, fi Triq Lord Lloyd kien esegwit programm mużikali mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Wara, l-istess banda għamlet marċ brijuż li għadda minn Triq il-Kappillan Mifsud, Vinċenzo Bugeja, Lunzjata, Victoria Avenue sal-knisja. Imbagħad aktar tard sar il-logħob tan-nar tal-art fi Triq Lord Lloyd. F'jum il-festa filgħodu, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun għamlet marċ brijuż li beda minn ħdejn il-knisja u kompla fi Triq Lord Lloyd, Vitale, Duluri, Montgomery, Lord Lloyd, Fatati, Liċew, Kappillan Valletta, Kappillan Mifsud sal-knisja. Imbagħad filgħaxija, l-istess banda akkumpanjat lill-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni waqt il-purċissjoni li ħarġet għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija. Il-purċissjoni għaddiet minn Triq Lord Lloyd, Vitale, Montgomery, Duluri, Fatati, Liċew, Monsinjur De Piro, Kappillan Mifsud sal-knisja.

Iżda ma nistgħux ngħidu li matul din l-ewwel festa kollox mar kif kien mixtieq. Sfortunatament, minħabba l-maltemp li għamel, numru t'attivitajiet ta' barra kellhom jiġu mħassra u bla dubju l-agħar li mar kien il-ftit armar ta' barra u li ġarrab ħafna ħsarat. Is-sena ta' wara l-festa reġgħet saret f'Diċembru u għal darba oħra xi attivitajiet reġgħu tħassru.

Kien kważi ċert li jekk il-festa kienet se tibqa` ssir f'Diċembru, ħafna mill-attivitajiet ta' barra kienu se jispiċċaw ta' kull sena jiġu mħassra. Għalhekk kien ġie msejjaħ referendum fost il-parruċċani sabiex jiddeċiedu jekk il-festa kelliex tibqa` ssir fix-xitwa jew inkella tibdiex issir fis-sajf. Fost dawk li rrispondew kien hemm 807 li wrew ix-xewqa li l-festa tibda ssir fis-sajf u 61 li riedu li l-festa tibqa` ssir f'Diċembru. Għalhekk il-festa tal-1970 ma saritx u minflok saret fis-sajf ta' wara, eżattament fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Minn hawnhekk 'il quddiem il-festa bdiet issir fis-sajf u l-attivitajiet bdew isiru mingħajr ma jitħassru.

F'dan l-artiklu tkellimna ftit fuq is-snin 'bikrija' tal-parroċċa tagħna, fuq l-ewwel festa u anki fuq l-attivitajiet li kienu saru f'dawk il-ġranet sbieħ. Minn dakinhar tal-ewwel festa sal-lum għaddew ħamsin sena, imma għalkemm għaddew daqstant snin, l-imħabba tal-parruċċani lejn l-Immakulata Kunċizzjoni u lejn il-festa għadha ħajja u se tibqa`! VIVA L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI! VIVA L-FESTA TAGĦNA!